**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 15 ta' Marzu, 2022**

**Talba Nru: 5/2022MD**

**Paul Micallef (K.I. 452266M) u Jacqueline Micallef (K.I. 377765M)**

**Vs**

**IAS Limited (C12202) u**

**Kevin Zammit**

## It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-6 ta' Jannar, 2022[1] permezz ta' liema l-atturi talbu li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu s-somma ta' tlett'elef u sitt mija u tmenin Euro (€3,680.00) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi kawza tax-xoghlijiet ta' kostruzzjoni; bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali u bl-imghax legali mid-data tal-pagament dovut sad-data tal-hlas effettiv.

Ra r-rapport tal-Perit Julian Borg[2] anness mal-istess avviz.

---

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-process.
[2] *A fol* 12 *et seq* tal-process.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti tal-24 ta' Frar, 2022, tat-8 ta'Marzu, 2022 u lanqas tal-lum.

Ra l-Kapitolu[3] li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tal-atturi fis-seduta tat-8 ta' Marzu, 2022 u fil-fatt il-konvenuti ma dehrux sabiex jirrispondu ghalih ghas-seduta tal-lum.

Ra x-xhieda tal-attur Paul Micallef, fejn ikkonferma li l-ammont ta' tlett'elef u sitt mija u tmenin Euro (€3,680.00) ghadu dovut u ilu dovut mid-19 ta' Jannar, 2021.

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. Ulterjorment it-talba tirrizulta kkonfermata wkoll mill-rapport tal-Perit Julian Borg anness mal-istess avviz li jindika il-bilanc dovut rapprezentanti danni sofferti mill-atturi kawza tax-xoghlijiet ta' kostruzzjoni, kif ukoll mix-xhieda tal-attur Paul Micallef.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenuti sabiex ihallsu lill-istess atturi s-somma ta' tlett'elef u sitt mija u tmenin Euro (€3,680.00) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi kawza tax-xoghlijiet ta' kostruzzjoni; bl-imghax legali mid-19 ta' Jannar, 2021 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza u tal-ittra ufficjali bin-numru 706/21 jithallsu b'mod ugwali mill-konvenuti.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Gudikatur**

[3] *A fol* 31 tal-process.